

Brussell, 27 ta' Marzu 2025
(OR. en)

7404/25

FIN 331
INST 75
PE-L 14

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Kumitat tal-Baġit
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	7125/25
Suġġett:	Trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 03/2025 fit-Taqsimha III - Kummissjoni - tal-baġit ġenerali għall-2025 <ul style="list-style-type: none">– <i>Approvazzjoni</i>– <i>Approvazzjoni ta' ittra</i>

1. Fl-14 ta' Marzu 2025, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għat-trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 03/2025, f'konformità mal-Artikolu 31(1) tar-Regolament Finanzjarju¹.
2. Kif inhu rreġistrat fid-dokument 7125/25, l-għan ta' din il-proposta huwa t-trasferiment ta' ammont ta' EUR 350 miljun kemm f'approprjazzjonijiet ta' impenn kif ukoll f'approprjazzjonijiet ta' pagament mill-Partita 30 04 01 02 (*Riżerva ta' Għajjnuna f'Emerġenza*) għall-Artikolu 14 03 01 (*Għajjnuna umanitarja*).

¹ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni) (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj>).

It-trasferiment qed jiġi propost sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet l-aktar urġenti fir-rigward tal-kriżijiet li ġejjin:

- Il-kriżi reġjonali tas-Sudan (EUR 140 miljun, li minnhom EUR 70 miljun għas-Sudan, EUR 30 miljun għas-Sudan t'Isfel, EUR 30 miljun għaċ-Chad, EUR 6 miljun għall-Etjopja, EUR 2 miljun għal-Libja u EUR 2 miljun għall-Eġittu);
- Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (EUR 40 miljun);
- Il-Palestina¹ (EUR 50 miljun);
- Is-Sirja (EUR 40 miljun);
- L-Ukrajna (EUR 40 miljun);
- L-Afganistan (EUR 28 miljun);
- Il-Pakistan (EUR 6 miljun);
- L-Iran (EUR 6 miljun).

3. Il-Kumitat tal-Baġit eżamina l-proposta għal trasferiment fil-laqgħa tiegħu tal-24 ta' Marzu 2025.

4. Wara dak l-eżami, il-Kumitat tal-Baġit qabel, b'maġġoranza kwalifikata, li jissuġġerixxi li l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jagħti parir lill-Kunsill biex japprova:

- il-proposta għat-trasferiment tal-appropriazzjonijiet, kif tinsab fid-dokument 7125/25; u
- l-abbozz ta' ittra fl-ANNEX għal din in-nota.

¹ Din id-deżinjazzjoni tal-Palestina ma għandhiex tiġi interpretata bħala rikonoxximent ta' Stat tal-Palestina u hija mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet individwali tal-Istati Membri fuq din il-kwistjoni.

ABBOZZ TA' ITTRA

minn: il-President tal-Kunsill

lil: il-President tal-Kummissjoni

kopja: il-President tal-Parlament Ewropew

Sinjura,

F'konformità mal-Artikolu 31(6) tar-Regolament Finanzjarju tat-23 ta' Settembru 2024¹, b'dan ninfurmak li l-Kunsill approva t-trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 03/2025 fit-Taqsima III - Kummissjoni - tal-baġit ġenerali għall-2025.

(Formola tal-għeluq).

¹ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni) (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj>).